**2ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alexander Victor Baldacchino

*versus*

Henry Albert Pace nomine

## Arrest Personali

*It-talba għal ħelsien ġiet ritenuta kompriża u involuta fit-talba għas-sospensjoni għal mandat. Għalhekk hu sufficjenti li tintalab r-revoka tal-mandat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta li b'mandat ta' arrest personali numru mija u tmienja u erbgħin (148) tal-21 ta' Marzu, 1963 -ismijiet Henry Albert Pace għad-ditta "Hugo Pace & Sons" versus Alexander Victor Baldacchino" ġie arrestat fid-disgħa ta' fil-għodu tas-7 ta' Ottubru, 1963, u peress li huwa bniedem marid gravement u fi stat ta' saħħa illi jun gravement detrimentali għall-saħtu li jinżamm taħt arrest personali, kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża — talab li l-Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest personli numru mija tmienja u erbgħin (148) tal-1963 fl-ismijiet "Henry Albert Pace għad-ditta "Hugo Pace & Sons versus Alexander Victor Baldacchino" imħabba raġunijiet

ta' saħħa, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut li biha jeċċepixxi illi l-attur ma talabx li din il-Qorti tordna l-iskarċerazzjoni tiegħu u għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla — salvi eċċezzjonijiet oħra fil-meritu skond il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni risettiva tal-partijiet.

Rat is-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ottubru 1963 mill-Qorti fuq imsemija u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullita, bl-ispejjeż kontra l-konvenut — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Omissis. . . . . . . . .

Rat in-nota ta' l-Appell tal-konvenut "nomine" u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza, billi tiġi milqugħa l-imsemmija eċċezzjoni u hu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġjudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-attur fejn talab li s-sentenza tiġi konfermata, bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

L-ilment tal-konvenut kontras-sentenza denunċjata hu dak li dina rriteniet validu l-att ta' ċitazjoni fil-waqt li hu

rritu u null billi jiddifetta almenu f'wieħed mir-requisiti li l-liġi espressament tirrikiedi għal validita ta' dak l-att, u ċioe it-tfissir ċar u sewa ta' l-oġġett tat-talba. Skond il-konvenut "nomine", l-espressjoni ta' l-oġġett tat-talba mhix korretta għaliex ġiet mitluba biss is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-mandat. Kienet tkun korretta kieku ġie mitlub ukoll il-ħelsien tiegħu mill-arrest, u dan għaliex hu jgħid — meta l-liġi, fl-artikoli minnu ċitati (361 (2) u 271, Kodiċi tal-proċedura ċivili) tikkontempla l-każ ta' persuna arrestata, li ma tkunx taqa' taħt l-arrest personali, jew li jkollha d-dritt teħles minnu, ma tindikax proċedura għar-revoka (jew sospensjoni) tal-mandat, imma għal ħelsien jew għal otteniment tal-ħelsien tal-persuna li tkun qegħda taħt l-arrest.

Ll-ilment tal-konvenut "nomine" mhux, pero, fondat, għaliex, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-att ta' ċitazjoni hu biżżejjed ċar tant fit-tfissir tar-raġuni kemm ukoll fl-espressjoni tal-oġġett, tat-talba, billi hu intuintiv li s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-mandat iġġib neċessarjament magħha l-ħelsien ta' minn ikun ġie arrestat in forza ta' dak il-mandat, u dan hu suffragat mill-ġurisprudenza wisq a propositu ċitata mill-ewwel Qorti, u, inveru, fil-kawża Decandis vs. Dr. Parinis "nomine" (Vol. XIII, paġ. 23) ġiet biss mitluba r-revoka jew is-sospensjoni tal-mandat ta' l-arrest u ntant fis-sentenza ġiet mhux biss milqugħa t-talba imma ġiet ukoll ordnata l-literazzjoni tal-attur. Dana, evidentement, għaliex it-talba għal ħelsien ġiet ritenuta kompriża u nvoluta fit-talba għas-sospensjoni tal-mandat. Anche fil-kawża "Melendone — Caruana" ġiet biss mitluba r-revoka tal-mandat u fis-sentenza ġiet milqugħa t-talba. Ma ġietx ukoll ordnata l-liberazzjoni ta' l-attur, u dana l-ordni ma kienx neċessarju fis-sentenza l-għaliex, kontrarjament għal dak li l-konvenut jallega, jiġifieri li jekk tiġi milqugħa t-talba biss

għas-sospensjoni tal-mandat, ma tistax tavvera ruħha l-iskarċerazzjoni f'dan il-kas il-liġi tipprovdi għal ħelsien mill-arrest — li bir-revoka jew bis-sospensjoni tal-mandat ma tistax jibqa' jseħħ — bil-proċedura mingħajr ebda formalita oħra, traċċjata fl-artikolu 371 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.

Għal motivi premessi, u għal dawk ta' l-ewwel Qorti li huma adottati, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant u tordna li l-atti tal-kawża jiġu rimessi lill-ewwel Qorti għal kontinwazzjoni tal-kawża.